



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

31.7.2009

B7-0000/2009

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara l-Mistoqsijiet b'talba għal Tweġiba Orali B7-0000/2009 u B7-0000/2009

skont l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-bidla fil-klima u l-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fil-kuntest tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima f'Kopenhagen

minn Eva Joly
f'isem il-Kumitat għall-Iżvilupp

RE\787805MT.doc

PE427.259v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

B7-0000/2009

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-bidla fil-klima u l-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fil-kuntest tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima f'Kopenhagen

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-20 ta' Diċembru 2005 mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-Politika tal-Iżvilupp tal-Unjoni Ewropea: "Il-Konsensus Ewropew", u b'mod partikolari l-punti 22, 38, 75, 76 u 105 tagħha¹,
- wara li kkunsidra l-Aġenda 21, id-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp, u d-Dikjarazzjoni dwar il-Prinċipji għall-Ġestjoni Sostenibbli tal-foresti, adottata minn aktar minn 178 gvern fil-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp (UNCED) li saret f'Rio de Janeiro (il-Brażil) bejn it-3 u l-14 ta' Ġunju 1992, prinċipji li ġew affermati mill-ġdid fis-Samit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (WSSD) li sar f'Johannesburg (l-Afrika t'Isfel) bejn is-26 ta' Awwissu u l-4 ta' Settembru 2002,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima (UNFCCC) u l-Protokoll tagħha ta' Kjoto,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti tat-8 ta' Settembru 2000, li fasslet l-Għanijiet tal-Iżvilupp għall-Millennju (MDGs) bħala għanijiet stabbiliti b'mod konġunt mill-komunità internazzjonali biex jinqered il-faqar,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni dwar l-Integrazzjoni tal-Adattazzjoni għall-Bidla fil-Klima fil-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, adottata mill-Ministri tal-Iżvilupp u l-Ambjent tal-pajjiżi membri tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) fl-4 ta' April 2006,
- wara li kkunsidra s-Sħubija bejn l-Afrika u l-UE dwar il-Bidla fil-Klima bħala parti mill-Ewwel Pjan ta' Azzjoni (2008-2010) għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Konġunta bejn l-UE u l-Afrika,
- wara li kkunsidra l-Pjan Direzzjonali ta' Bali, adottat fil-Konferenza tan-NU dwar il-Bidla fil-Klima fil-ġżira ta' Bali (l-Indoneżja) f'Diċembru 2007,
- wara li kkunsidra l-Erbatax-il Konferenza tal-Imsieħba (COP) fil-UNFCCC u r-Raba' COP li serviet ta' laqgħa tal-imsieħba fil-Protokoll ta' Kjoto, bejn l-1 u t-12 ta' Diċembru 2008 f'Poznan (il-Polonja),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2003 dwar il-bidla fil-klima fil-kuntest tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (COM(2003)0085),

¹ ĠU C 46, 24.2.2006, p. 1.

- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill u l-Pjan ta' Azzjoni 2004-2008 dwar il-bidla fil-klima fil-kuntest tal-iżvilupp, tal-24 ta' Novembru 2004,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Jannar 2007 dwar Il-limitazzjoni tal-bidla fil-klima globali għal 2 gradi Celsius – Il-mixja lejn l-2020 u lil hinn (COM(2007)0002),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Settembru 2007 dwar il-bini ta' Alleanza Globali dwar it-Tibdil fil-Klima (GCCA) bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi fqar li qed jiżviluppaw li huma l-aktar vulnerabbli għat-tibdil fil-klima (COM(2007)0540),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2008 dwar il-bini ta' Alleanza Globali għall-Bidla fil-Klima (GCCA) bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi fqar li qed jiżviluppaw li huma l-aktar vulnerabbli għall-bidla fil-klima¹,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Jannar 2009 bit-titolu "Lejn ftehim komprensiv dwar it-tibdil fil-klima f'Kopenhagen" (COM(2009)0039),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2009 dwar strateġija tal-UE għal ftehim komprensiva dwar il-bidla fil-klima f'Kopenhagen u d-dispożizzjoni xierqa għall-finanzjament tal-politika dwar il-bidla fil-klima²,
- wara li kkunsidra r-Risoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari Konġunta tal-AKP u l-UE tad-9 ta' April 2009 dwar il-konsegwenzi soċjali u ambjentali tal-bidla fil-klima fil-pajjiżi tal-AKP³,
- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2009 dwar l-integrazzjoni tal-ambjent fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-OECD tal-2007 bit-titolu "Valutazzjoni tal-Progress dwar l-Integrazzjoni tal-Adattazzjoni għall-Bidla fil-Klima fl-Attivitajiet dwar il-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp",
- wara li kkunsidra r-rapporti tal-Grupp Intergovernattiv għall-Bidla fil-Klima (IPCC) u, b'mod partikolari, il-kontribut tal-Grupp ta' Ħidma II tal-IPCC ("L-Effetti tal-Bidla fil-Klima, Adattazzjoni u Vulnerabilità") għar-Raba' Rapport ta' Evalwazzjoni,
- wara li kkunsidra r-Rapport dwar l-Iżvilupp Uman 2007/2008 bit-titolu "Il-ġlieda kontra l-bidla fil-klima: Is-solidarjetà umana f'dinja maqsuma", inniedi mill-Programm tal-Iżvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Bank Dinji u l-Fond Monetarju Internazzjonali bit-titolu "Rapport ta' Monitoraġġ Globali 2008: l-MDGs u l-Ambjent - Aġenda għall-Iżvilupp Inklużiv u Sostenibbli",

¹ P6_TA(2008)0491.

² P6_TA(2009)0121.

³ AKP-UE/100.383/09/fin.

- wara li kkunsidra l-Viżjoni dwar l-Ambjent sal-2030, maħruġa mill-OECD fil-5 ta' Marzu 2008,
 - wara li kkunsidra r-"Rapport dwar l-Impatt fuq il-Bniedem: il-Bidla fil-Klima – L-Anatomija ta' Kriżi Siekta" tal-Forum Umanitarju Globali, ta' Mejju 2009,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar il-Bidla fil-Klima u l-Iżvilupp tal-Iżvezja ta' Mejju 2009 bit-titolu "Biex jonqsu d-Differenzi: It-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri u l-adattazzjoni għall-bidla fil-klima fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw",
 - wara li kkunsidra l-mistoqsijiet tat-2 ta' Settembru 2009 lill-Kummissjoni u lill-Kunsill dwar il-bidla fil-klima u l-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fil-kuntest tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima f'Kopenhaġen (O-0000/2009 – B7-0000/2009, O-0000/2009 – B7-0000/2009),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw taw kontribut minimu għall-bidla fil-klima iżda qegħdin iħabbtu wiċċhom mal-aktar konsegwenzi serji tagħha, minħabba l-vulnerabilità ġeografika tagħhom, id-dipendenza sħiħa mis-settur primarju (l-agrikoltura u s-sajd) u l-infrastruttura limitata biex jingħelbu l-effetti tal-bidla fil-klima,
 - B. billi kull sena l-bidla fil-klima qiegħda tikkawża aktar minn 300 000 każ ta' mewt u qiegħda tolqot serjament 325 miljun ruħ u billi dawn iċ-ċifri x'aktarx li jirdupjaw sal-2030; billi kważi 99% ta' dawn il-każijiet ta' mwiet u 98% tan-nies milquta serjament jinsabu fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw,
 - C. billi t-telf ekonomiku minħabba l-bidla fil-klima bħalissa jilħaq aktar minn USD 125 biljun fis-sena¹, u jista' jilħaq USD 600 biljun fis-sena sal-2030; billi 90% ta' dan it-telf jinġarr mill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw,
 - D. billi l-bidla fil-klima diġà wasslet aktar minn 12-il mijun ruħ sal-għatba tal-faqar, u 20 miljun ruħ oħra se jilħquha sal-2030,
 - E. billi l-bidla fil-klima tista' taggrava l-potenzjal ta' kunflitti dwar riżorsi naturali minħabba li r-raba' li jista' jinħadem qiegħed jonqos, l-ilma qiegħed jiskarsa u l-foresti jinqerdu, jew minħabba l-migrazzjoni kkawżata mill-klima,
 - F. billi l-pajjiżi industrijalizzati għandhom responsabilità storika għall-bidla fil-klima u għandhom obbligu morali li jgħinu lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fl-isforzi tagħhom biex jadattaw ruħhom għall-konsegwenzi tagħha; billi l-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima f'Kopenhaġen tirrappreżenta l-aħħar fażi tat-taħditiet globali għal ftehim ġust u effikaċi dwar is-suċċessur tal-Protokoll ta' Kjoto, bi qbil mal-prinċipju li "min iniġġes iħallas",
 - G. billi kull dewmien biex jittieħdu deċiżjonijiet sodi dwar il-mekkaniżmi u l-fondi meħtieġa biex jonqsu l-kawżi u l-konsegwenzi tal-bidla fil-klima jgħib miegħu żieda fl-ispejjeż; billi

¹ Din iċ-ċifra hi aktar mit-total tal-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp li tingħata kull sena.

minkejja l-ħtieġa ta' azzjoni urġenti dwar il-bidla fil-klima fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, hemm nuqqas serju ta' fondi għall-miżuri ta' adattazzjoni u ta' mitigazzjoni,

- H. billi l-ispiża ta' adattazzjoni fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw hi kkalkulata li tlaħħaq bejn USD 50 biljun u USD 135 biljun kull sena, iżda l-għajjnuna mwiegħda mill-pajjiżi donaturi tlaħħaq anqas minn USD 500 miljun kull sena; billi, għall-kuntrarju, fis-sena li għaddiet USD 18-il triljun kienu impenjati globalment bħala għajjnuna għall-istituzzjonijiet finanzjarji,
 - I. billi l-biċċa l-kbira tal-flus imwiegħda għall-bidla fil-klima tiġi mill-baġits tal-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA), u dan qiegħed jiekol mill-fondi tal-assistenza għall-iżvilupp u hu ta' theddida serja għat-tnaqqis tal-faqar u l-kisba tal-MDGs,
 - J. billi l-bidla fil-klima qiegħda tpoġġi fil-periklu 40% tal-investiment internazzjonali għat-tnaqqis tal-faqar¹, u dan qiegħed jhedded l-effikaċja u s-sostenibilità tal-ħidma għall-iżvilupp; billi jidher ċar li hemm bżonn aktar koordinazzjoni, komplementarjetà u koerenza bejn l-inizjattivi għall-bidla fil-klima u dawk għall-iżvilupp,
 - K. billi bosta mezzi eżistenti tal-finanzjament għall-adattazzjoni m'għandhomx l-istrateġija parteċipattiva li tippromwovi s-sjieda tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u fitit biss minnhom għandhom il-fiduċja kemm tal-pajjiżi donaturi kif ukoll ta' dawk riċeventi,
 - L. billi l-Programmi Nazzjonali ta' Azzjoni għall-Adattazzjoni (NAPAs) huma strumenti importanti għall-adattazzjoni għall-bidla fil-klima li jippromwovu s-sjieda, iżda n-nuqqas ta' appoġġ istituzzjonali u riżorsi għall-implimentazzjoni tagħhom iqiegħed il-potenzjal tagħhom fil-periklu,
 - M. billi x-xenarju eżistenti tal-finanzjament għall-adattazzjoni, kemm fil-livell internazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE, huwa frammentat sew u nieqes mill-koordinazzjoni, u dan ipoġġi sfidi kbar għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw biex jimplementaw l-attivitajiet iffinanzjati mill-mekkaniżmi differenti,
1. Jilqa' l-fatt li fin-negozjati li saru għall-ftehima dwar il-bidla fil-klima għal wara l-2012, sar progress biex l-adattazzjoni titqiegħed fl-istess livell tal-mitigazzjoni; jenfasizza li jeħtieġ li tkun stabbilita rabta aktar soda bejn in-negozjati dwar l-adattazzjoni u l-mitigazzjoni;
 2. Jinsisti li l-ftehima dwar il-bidla fil-klima għal wara l-2012 għandha tqis il-proċessi eżistenti ta' żvilupp kemm fil-livell internazzjonali kif ukoll f'dak nazzjonali; jinkoraġġixxi l-Kummissjoni u l-Istati Membri biex itejbu r-rabtiet bejn il-bidla fil-klima u l-MDGs billi jinkorporaw l-adattazzjoni għall-bidla fil-klima fil-proġetti u l-programmi bil-għan li jintlaħqu l-MDGs, kif ukoll fl-istrateġiji kollha għat-tnaqqis tal-faqar;
 3. Jenfasizza li l-finanzjament għall-adattazzjoni għandu jkun ġdid u jiżdied mal-impenji eżistenti tal-ODAs (bil-għan li jintlaħaq 0.7% tal-prodott gross domestiku (GDP) sal-2015);

¹ Skont kalkoli tal-Bank Dinji

4. Jistieden lill-komunità internazzjonali biex iżżid sew l-għajnuna finanzjarja tagħha għall-adattazzjoni fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u biex tfittex mekkaniżmi innovattivi ta' finanzjament maħsuba għal dan il-għan, bħal taxxi nazzjonali fuq l-emissjonijiet, taxxi internazzjonali fuq il-kummerċ, taxxi fuq l-emissjonijiet tal-avjazzjoni u tal-bastimenti u l-irkantar ta' ammonti ta' *units* li jkunu ġew allokati;
5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iżidu l-baġit tal-GCCA b'mod sostanzjali u jissuġġerixxi li sors minnhom ta' fondi jista' jkun li jiġu allokati lill-GCCA 25% tad-dħul mistenni mill-irkantar fl-Iskema għall-Iskambju tal-Emissjonijiet (l-ETS tal-UE); ihegġegħ lill-Kummissjoni tiżgura li l-GCCA ssir mezz biex jiġu kklerjati l-fondi għall-adattazzjoni fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, u b'hekk ikun evitat li jinħolqu inizjattivi bilaterali ġodda tal-UE;
6. Jenfasizza li l-fondi għall-adattazzjoni u l-mitigazzjoni fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw għandhom ikunu suffiċjenti, prevedibbli u trasparenti; jinnota li jehtiegħ li l-pajjiżi donaturi jinvestu biex tiżdied "il-kapaċità assorbenti" fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, sabiex dawn ikunu jistgħu jużaw ir-riżorsi b'mod effikaċi;
7. Ifakkar li r-riżorsi għandhom jitqassmu mhux bħala self ta' konċessjoni, iżda bħala għotjiet, billi l-fondi għall-bidla fil-klima mhumiex għajnuna iżda kumpens li l-pajjiżi industrijalizzati għandhom jagħtu skont il-prinċipju li "min inigħes iħallas";
8. Hu tal-fehma li għandu jinholq mekkaniżmu ta' kumpens u ta' riabilitazzjoni fil-ftehma dwar il-bidla fil-klima għal wara l-2012 biex jagħmel tajjeb għat-telf u l-ħsara mill-effetti negattivi tal-bidla fil-klima fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;
9. Ihegġegħ lill-komunità internazzjonali biex il-fondi tal-klima jingħataw l-ewwel lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li huma l-aktar vulnerabbli għall-bidla fil-klima, u b'mod partikolari lill-Afrika, li ħadet anqas minn 12% tal-flus mill-fondi tal-klima minfuqa fl-aħħar erba' snin, kif ukoll lill-Istati Gżejjer Żgħar li qegħdin Jiżviluppaw (SIDS);
10. Jisħaq fuq l-importanza tas-sjieda tal-fondi għall-adattazzjoni permezz, pereżempju, tas-sorveljanza domestika tal-mekkaniżmi ta' konsenja (e.g. il-kumitati parlamentari); barra minn hekk, jistieden lill-komunità internazzjonali biex talloka sa USD 2 biljun fil-ħames snin li ġejjin għall-proġetti NAPA;
11. Jisħaq fuq il-ħtieġa tar-responsabilità u l-fiduċja istituzzjonali billi tkun stabbilita rappreżentanza ndaq ta' pajjiżi donaturi u riċeventi fil-korp ta' tmexxija tal-istituzzjonijiet tal-fondi għall-adattazzjoni; jistieden lill-komunità internazzjonali biex iżżid iċ-ċirkolazzjoni finanzjarja għall-Fond ta' Adattazzjoni (AF), waħda mill-aktar strutturi demokratiċi għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-adattazzjoni;
12. Iqis li l-ippjanar xieraq u l-ġestjoni tal-migrazzjoni ambjentali se tkun kruċjali għas-sigurtà tal-bniedem u jistieden lill-komunità internazzjonali biex tidentifika u tindirizza n-nuqqasijiet legali li jeżistu rigward il-ħarsien tar-refuġjati ambjentali;

13. Jagħti iStruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, kif ukoll lis-Segretarjat tal-UNFCCC.